**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Marzu 2020**

Rikors Numru: 527/19 AL

**A B C D E**

vs

**F G H**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġi fis-27 t' April 2007 fir-Reġistru taż-Żwieġ, il-Belt Valletta.

2. Illi l-partijiet sseparaw konsenswalment b'Att Pubbliku in atti Nutar Elaine Farrugia esegwit fit-12 ta' Novembru 2015 u dan kif jirriżulta mill-unita kopja tal-Att relattiv esebit bħala Dokument A.

3. Illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal aktar minn erba’ snin u jirriżulta wkoll li għaddew mill-anqas erba’ snin mid-data ta’ separazzjoni legali u konsegwentement ma teżisti ebda tama għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

4. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied.

5. Illi konsegwentement l-kontendenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mill-Liġi biex jingħata d-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju u l-konsegwenti ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati biex fit-terminu indikat minn din il-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u bil-konsegwenti ħall taż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet u sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata inġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta’ Novembru, 2019;

Semghet lill-avukat difensur tal-intimata tiddikjara waqt is-seduta tal-5 ta’ Marzu 2020, illi l-intimata m’hijiex beħsiebha tikkontesta t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Novembru, 2015 u de facto separati ghal aktar minn erba` snin.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.